MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-05 ta' Diċembru, 2018

Rikors Maħluf Numru 697/2018 LM

**Joseph Farrugia (ID numru 218876M)**

***vs.***

**Allianz S.p.A.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fit-3 ta' Lulju, 2018, mill-attur **Joseph Farrugia** (ID 218876M) (minn issa 'l quddiem "l-attur"), u maħluf minnu stess, li jgħid kif ġej:

1. *Illi fl-10 ta' Lulju, 2016, ġewwa Scicli, Sqallija, seħħ inċident tat-traffiku bejn il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni ER 159 LC tal-għamla Nissan Qashqai misjuqa minn Alessandro Puglisi (liema vettura kienet assikurata mas-soċjetà intimata Allianz S.p.A. meta seħħ l-istess inċident), u l-mutur bin-numru ta' reġistrazzjoni KBS 157 misjuq minn u proprjetà tar-rikorrenti Joseph Farrugia*

*(kopji tat-traffic accident reports hawn annessi u mmarkati bħala Dok. JF01 u Dok. JF02);*

2. *Illi l-istess inċident seħħ b'tort tas-sewwieq tal-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni ER 159 LC (liema vettura kienet assikurata mas-soċjetà intimata Allianz S.p.A. meta seħħ l-istess inċident) minħabba negliġenza, traskuraġni, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tiegħu;*

3. *Illi konsegwenza ta' dan l-inċident ir-rikorrenti sofra diversi danni, ġrieħi serji, kif ukoll diżabilità permanenti, kif ser jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża;*

4. *Illi r-rikorrenti inkorra u sofra diversi spejjeż, telf ta' qligħ, danni lucrum cessans u danni oħra in konsegwenza ta' u emerġenti minn dan l-inċident u s-soċjetà intimata hija responsabbli fil-liġi għall-ħlas tad-danni sofferti mir-rikorrenti b'konsegwenza tal-istess inċident;*

5. *Illi r-rikorrenti interpella lis-soċjetà intimata sabiex tersaq għal-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni minnu sofferti konsegwenza ta' 'l fuq imsemmi inċident, iżda l-intimata baqgħet inadempjenti;*

6. *Illi in vista tas-suespost kollu kellha ssir din il-kawża u r-rikorrenti qed jipprevalixxi ruħu mid-drittijiet kollha li ttih il-liġi, inkluż, iżda mhux limitatament, l-artikolu 13(2) tar-Regolament (UE) Nru. 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;*

*Tgħid għalhekk is-soċjetà intimata għaliex għar-raġunijiet fuq indikati dina l-Onorabbli Qorti, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni opportuna, m'għandhiex:*

i. *Tiddikjara u tiddeċiedi illi s-sewwieq tal-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni ER 159 LC tal-għamla Nissan Qashqai huwa responsabbli għall-inċident fuq imsemmi tal-10 ta' Lulju 2016 ġewwa Scicli, Sqallija, u f'liema inċident korra r-rikorrenti;*

ii. *Tiddikjara u tiddeċiedi illi s-soċjetà intimata Allianz S.p.A. bħala l-assikuratriċi tal-vettura bin-numru ER 159 LC meta seħħ l-inċident de quo, hi responsabbli għall-ħlas tad-danni kollha sofferti mir-rikorrenti naxxenti mill-istess inċident awtomobilistiku;*

iii. *Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti konsegwenza tal-istess inċident, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi;*

iv. *Tikkundanna u tordna lis-soċjetà intimata tħallas lir-rikorrenti dawk id-danni hekk kif likwidati minn din l-Onorabbli Qorti.*

*Bl-ispejjeż kollha, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tal-11 ta' Ġunju, 2018 (Dok. JF 03) u bl-imgħax legali sad-data tal-ħlas effettiv kontra s-soċjetà intimata li r-rappreżentanti ġuridiċi tagħha huma minn issa inġunti għas-subizzjoni.*

Rat illi l-attur ippreżenta rikors bid-data tat-3 ta' Lulju, 2018, fejn wera l-intenzjoni li jipprevalixxi ruħu mill-provvedimenti tar-Regolament tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea Nru 1393/2007 dwar notifiki ta' dokumenti u atti ġudizzjarji fi Stati Membri tal-Unjoni Ewropea, u għall-fini ta' dan ippreżenta, flimkien mar-rikors tiegħu, traduzzjoni tar-rikors promutur bil-lingwa Taljana, sabiex is-soċjetà konvenuta Allianz S.p.A. (minn issa 'l quddiem "is-soċjetà konvenuta") tkun tista' tiġi notifikata bl-atti kif suppost tramite l-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali bħala Aġenzija li Tittrażmetti.

Rat illi minkejja li ġiet debitament notifikata bir-Rikors Maħluf tal-attur fl-4 ta' Ottubru, 2018 permezz tal-posta reġistrata, is-soċjetà konvenuta ma ppreżentat l-ebda risposta maħlufa entro t-terminu ta' għoxrin ġurnata mogħtija lilha bil-liġi, u għalhekk din ġiet meqjusa li baqgħet kontumaċi għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi. Fl-udjenza tat-2 ta' Novembru, 2018, is-soċjetà konvenuta ngħatat xahar żmien sabiex tippreżenta n-nota ta' sottomissjonijiet tagħha ai termini tal-artikolu 158(10) tal-Kap. 12.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-2 ta' Novembru, 2018, fejn il-partijiet ingħataw il-fakultà li jippreżentaw noti ta' sottomissjonijiet u fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-attur.

**Il-kwistjoni bejn il-partijiet**

L-attur kien involut f’inċident tat-traffiku waqt li kien qiegħed isuq il-mutur tiegħu tal-għamla Honda ġewwa Scicli, Sqallija, meta ħabat ma’ vettura tal-għamla Nissan Qashqai misjuqa minn Sqalli bl-isem ta’ Alessandro Puglisi, liema vettura kienet assigurata mas-soċjetà konvenuta. L-attur jaddebita r-responsabbilità għal dan l-inċident lis-sewwieq tal-vettura, u jgħid li dan l-inċident seħħ minħabba negliġenza, traskuraġni, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tiegħu. Konsegwenza ta’ dan l-inċident l-attur jgħid illi huwa sofra diversi danni u ġrieħi serji, kif ukoll diżabilità permanenti, kif iċċertifikat mill-konsulent ortopediku li eżamina lill-attur.

Permezz tal-kawża odjerna, l-attur qiegħed jitlob lill-Qorti tiddikjara li s-sewwieq tal-vettura bin-numru ta’ reġistrazzjoni ER 159 LC tal-għamla Nissan Qashqai huwa responsabbli għall-inċident li seħħ fl-10 ta’ Lulju, 2016, ġewwa Scicli, fil-Provinċja ta’ Ragusa, Sqallija, kif ukoll li s-soċjetà konvenuta bħala assikuratriċi tal-vettura ER 159 LC hi responsabbli għall-ħlas tad-danni kollha sofferti mill-attur, kif ukoll għal-likwidazzjoni tad-danni kollha sofferti minnu b’kundanna għall-ħlas tal-istess.

**Provi u riżultanzi**

Flimkien mar-rikors promutur imressaq minnu, l-attur ippreżenta kopja tar-rapport li sar mill-Pulizija fil-Provinċja ta’ Ragusa, bid-dettalji dwar kif seħħ l-

inċident[1], li miegħu kien hemm annessi għadd ta' ritratti u pjanti taż-żona fejn seħħ l-inċident.[2] Minn dan ir-rapport rilaxxjat mill-*Ufficio Infortunistica Stradale* tal-Provincja Reġjonali ta' Ragusa, jirriżulta li l-vettura tal-għamla Nissan Qashqai bin-numru ta' reġistrazzjoni ER 159 LC kienet assigurata mas-soċjetà konvenuta Allianz S.p.A. għall-perijodu bejn it-30 ta' April, 2016 u d-29 ta' Ottubru, 2016. L-attur ippreżenta wkoll kopja ta' ittra uffiċjali mibgħuta lis-soċjetà konvenuta li permezz tagħha din ġiet interpellata tersaq għal-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni sofferti mill-attur.[3]

L-attur ippreżenta wkoll nota bi prospett tad-danni allgatament sofferti minnu[4], kemm dawk materjali kif ukoll danni konsistenti f'telf ta' qligħ futur in vista tad-diżabilità permanenti sofferta minnu. F'dawn il-proċeduri l-attur għażel li jixhed bil-mezz tal-*affidavit*[5], fejn qal li f'Lulju tal-2016 hu kien mar flimkien ma' għadd ta' ħbieb tiegħu għal *road trip* fi Sqallija, fejn il-ħsieb kien li dawn iterrqu bil-muturi. B'kollox kienu disa' muturi. Qal li fil-ħin li fih seħħ l-inċident, dakinhar tal-10 ta' Lulju 2016, hu flimkien ma' sħabu, kienu qegħdin isuqu lejn Pozzallo sabiex jaqbdu l-vapur lura għal Malta. Qal li waqt li kienu għaddejjin minn Scicli, hu u sħabu daħlu f'ġenb ta' triq sabiex jistennew lil xulxin, u hekk kif reġgħu bdew isuqu wara xulxin, ġiet vettura tal-għamla Nissan Qashqai fit-triq. L-attur qal li hu kien qiegħed isuq fuq in-naħa ta' barra tal-karreġġjata tal-lemin tat-triq, u eżatt quddiemu kien hemm għadd ta'

---

[1] *A fol.* 5 tal-proċess. F'dan ir-rapport, *a fol.* 13, id-dinamika ta' kif seħħ l-inċident ġiet deskritta b'dan il-mod, "[*m*]*entre il conducente dell'autovettura Nissan Qashqai targata ER 159 LC eseguiva la svolta a sinistra, lo stesso era eseguito sulla stessa corsia di marcia dal Motociclo Honda XR 650 R targa KBS 157, condotto dal. Sig. Farrugia Joseph ...* (dettalji) ... *Il conducente del motociclo Honda XR 650 R targa KBS 157, dopo una breve sosta per ricompattarsi con il gruppo di motociclisti di cui faceva parte, riprendeva la marcia (dallo stesso dichiarato), e dava corso a manovra di sorpasso all'autovettura Nissan Qashqai targata ER 159 LC che lo precedeva e che stava effettuando manovra di svolta a sinistra, in questo frangente le traiettorie dei due veicoli si intersecavano e venivano in collisione.*"

[2] *A fol.* 6 *et seq.* tal-proċess.

[3] *A fol.* 15 tal-proċess.

[4] *A fol.* 29 tal-proċess.

[5] *A fol.* 33 tal-proċess.

muturi misjuqa minn sħabu. Qal li f'ħin minnhom hu ra l-vettura Nissan Qashqai tnaqqas mil-veloċità donnha qed tfittex post tal-parkeġġ, bl-*indicator* tal-lemin mixgħul filwaqt li ġibdet lejn in-naħa tal-lemin tat-triq. Qal ukoll li sħabu qabżu l-vettura mingħajr ma daħlu fuq il-karreġġjata opposta, u hu għamel bħalhom, iżda f'daqqa waħda l-Qashqai qabdet u ġibdet lejn ix-xellug tat-triq mingħajr ebda indikazzjoni li kienet ser iddur f'dik id-direzzjoni, u laqtitu fuq siequ tal-lemin bil-mutur b'kollox. L-attur qal li l-vettura baqgħet tkaxkru lejn ix-xellug, tefgħetu fl-arja u hu spiċċa f'siġra fuq in-naħa l-oħra tat-triq, sakemm imbagħad waqa' fl-art. L-attur qal li fuq in-naħa tax-xellug ta' fejn seħħ l-impatt kien hemm triq laterali li biex wieħed jidħol fiha ried jaqsam fuq il-karreġġjata opposta li kien hemm fuq in-naħa tax-xellug. Wara l-inċident, is-sewwieq tal-vettura informa lill-Pulizija li hu ried idur fuq ix-xellug.

Fix-xhieda tiegħu l-attur wera l-fehma li s-sewwieq tal-Qashqai kien ferm negliġenti fil-mod kif qabad u kiser bil-vettura tiegħu, speċjalment meta minn quddiemu kienu għadhom kemm għaddew tmien muturi, u għalhekk aktar messu qagħad attent qabel qasam għan-naħa l-oħra tat-triq. L-attur qal li mad-daqqa hu ħass uġigħ kbir u sturdament, u ftit wara ttieħed l-Isptar ta' Modica b'ambulanza. L-attur qal li kellu l-pala ta' siequ miksura u l-qiegħ ta' siequ miftuħ wara li ċċarrat mal-*footrest* tal-mutur. L-attur qal li hu kien ġie infurmat li kien kiser diversi partijiet ta' siequ l-leminija u li kien hemm bżonn li jiġi operat, iżda hu pprefera li minflok jibqa' waħdu f'pajjiż barrani, jiġi Malta u jiġi operat hawnhekk, anki sabiex ikun jista' jibqa' jmur għall-*follow-ups* għand l-istess kirurgu li jkun operah. Qal ukoll li l-ambulanza wasslitu sal-*catamaran* bi ħlas, u li hekk kif wasal Malta sab tistennieh ambulanza li ħaditu l-Isptar Mater Dei. L-Isptar Mater Dei sarulu għadd ta' testijiet wara li ġie

stabbilit li l-attur kien kiser tliet *metatarsals* ta' siequ l-leminija, u wara kien ġie operat minn Mr Massimo Abela.

L-attur qal li minkejja li għaddew aktar minn sentejn minn dan l-inċident, hu għadu jbati l-konsegwenzi, fosthom uġigħ, tnemnim u tingiż f'siequ tal-lemin, limitazzjonijiet fil-moviment ta' siequ l-leminija, u qal li dan kollu qiegħed iħalli impatt fuq ħajtu speċjalment minħabba li hu jaħdem bħala *head chef* u jqatta' ħin twil fuq saqajh. Hu kompla jgħid li wara l-inċident hu kellu jnaqqas anki l-attività sportiva li kien jagħmel. Hu qal li l-kirurgu ortopediku Mr Massimo Abela kkonkluda li konsegwenza ta' dan l-inċident hu sofra minn diżabilità permanenti ta' 4%, u li dan il-perċentwali jista' jiżdied minħabba fil-possibilità ta' infezzjonijiet rikorrenti li jistgħu jfeġġulu. L-attur qal li konsegwenza tal-inċident hu tilef erbgħa u sittin ġurnata (64) ta' xogħol minħabba l-uġigħ u l-limitazzjonijiet li kellu.

L-attur spjega kif konsegwenza ta' dan l-inċident, il-mutur li kien qiegħed isuq ġie ddikjarat li hu *beyond economical repair* u li l-valur tal-mutur fiż-żmien li fih seħħ l-inċident kien ta' €1,100, li ma tħallsux lilu mis-soċjetà assikuratriċi minħabba li l-polza tal-assigurazzjoni li kellu ma kinitx tkoprih għal hekk. L-attur ippreżenta kopja tar-rapport mediku li ngħata mar-rilaxx tiegħu mill-Isptar Mater Dei[6], kopja tal-kuntratt ta' impjieg tiegħu mas-soċjetà Sunroute Hotels[7], kopja tal-formula FS3 għas-snin 2015, 2016, 2017[8], kopja taċ-ċertifikati mediċi għall-ġimgħat kollha li fihom l-attur ma setax imur xogħol minħabba fl-inċident[9], kopja tal-*motor survey report*[10], kopja ta' irċevuta tal-

[6] *A fol.* 38 tal-proċess.
[7] *A fol.* 40 tal-proċess.
[8] *A fol.* 43 sa 45 tal-proċess.
[9] *A fol.* 46 sa 49 tal-proċess.
[10] *A fol.* 53 tal-proċess.

Isptar Saint James[11], u kopja ta' irċevuta maħruġa minn *Global Translation Solutions* fir-rigward tat-traduzzjonijiet li saru fil-lingwa Taljana.[12]

L-attur esebixxa wkoll *affidavit* ta' **David Schembri**[13], wieħed mill-persuni li fl-10 ta' Lulju, 2016 kien qiegħed jakkumpanja lill-attur fuq ir-*road trip* fi Sqallija, li ddeskriva d-dinamika tal-inċident li seħħ waqt li l-attur u sħabu kienu qegħdin isuqu lejn Pozzallo sabiex jaqbdu l-vapur lura lejn Malta. Dan ix-xhud qal li meta hu u sħabu l-motoċiklisti jkunu qegħdin isuqu bħala grupp, huma jsuqu fi *staggered formation* għas-sigurtà. Hu ddeskriva dak li ġara fil-waqtiet tal-inċident hekk:

> "Rajt l-istess Nissan Qashqai sewda quddiemi tnaqqas l-ispeed bl-*indicator* tal-lemin mixgħul u tiġbed lejn in-naħa tal-lemin tat-triq fejn kien hemm daħla (din id-daħla tidher fir-ritratti li ħadu l-Pulizija), donnha qed tfittex *parking.* Il-muturi ta' quddiem Joseph Farrugia qabżu lin-Nissan Qashqai fuq in-naħa tax-xellug tagħha (kif suppost, għaliex l-Italja jsuqu fuq il-lemin), iżda mingħajr ma qabżu fuq il-karreġġjata opposta u dejjem fid-dritt u dan għaliex, kif spjegajt qabel, il-Qashqai kienet ġibdet lejn il-lemin. Joseph Farrugia għamel eżatt bħall-muturi ta' qablu, jiġifieri beda jaqbeż il-Qashqai min-naħa tax-xellug tagħha iżda mingħajr ma rifes fuq il-karreġġjata opposta u dejjem miexi fid-dritt. F'daqqa waħda l-Qashqai qabdet u ġibdet lejn ix-xellug għal fuq il-mutur ta' Farrugia mingħajr ma kellha l-indicator mixgħul u laqtitu fin-nofs tal-mutur naħa tal-lemin, eżatt ġol-pala ta' siequ. Fuq in-naħa tax-xellug ta' fejn seħħ l-inċident kien hemm triq laterali li biex wieħed jidħol fiha kellu jaqsam il-karreġġjata opposta li jkun hemm fuq in-naħa tax-xellug tagħna. Il-Qashqai dar f'salt lejn ix-xellug, u baqa' jkaxkar il-mutur ta' Joseph Farrugia fuq il-karreġġjata opposta b'kollox; Farrugia tar fl-arja minn fuq il-mutur u spiċċa ġo siġra li kien hemm in-naħa l-oħra tat-triq."

Ix-xhud kompla jgħid li s-sewwieq tal-vettura ma kienx attent fis-sewqan biex ma indunax bil-mutur tal-attur għaddej minn ħdejh u li s-sewwieq tal-vettura

[11] *A fol.* 54 tal-proċess.
[12] *A fol.* 55 u 56 tal-proċess.
[13] *A fol.* 58 tal-proċess.

bilfors li kiser fuq ix-xellug mingħajr ma ħares fil-mera. Mix-xhieda ta' Schembri jirriżulta li l-vettura Qashqai kienet tat-tip *left-hand drive,* u li l-attur kien għaddej fuq in-naħa tax-xellug tat-triq, mal-istess naħa tax-xufier. Ix-xhud kompla jgħid li wara l-inċident hu u sħabu sabu lill-attur fil-ħaxix, fejn bilkemm seta' jieħu nifs bl-uġigħ li kellu. Ftit tal-mumenti wara l-attur ittieħed l-Isptar ta' Modica, u minn hemm tniżżel Malta u ttieħed l-Isptar Mater Dei bl-ambulanza fejn sarulu aktar testijiet u interventi. Ix-xhud qal li l-attur ta' sikwit jgħidlu li siequ l-leminija għadha tagħtih il-problemi, u li din għadha taffettwah anki fuq ix-xogħol minħabba li jqatta' ħin twil fuq saqajh.

L-attur esebixxa wkoll l-*affidavit* ta' **Joseph Cacopardo**[14], ħabib ieħor tal-attur li kien miegħu fl-istess ġita Sqallija, u li wkoll assista għall-inċident. Dan ix-xhud spjega d-dinamika tal-inċident billi qal li l-grupp ta' motoċiklisti waqfu f'*lay-by* mal-ġenb tat-triq sabiex jerġgħu jingħaqdu u jkomplu jsuqu lejn Pozzallo. Dan ix-xhud ikkonferma li hu ra lis-sewwieq tan-Nissan Qashqai inaqqas mill-veloċità u jiġbed lejn il-lemin. Ikkonferma li dak il-ħin l-attur beda jaqbeż il-Qashqai min-naħa tax-xellug tagħha mingħajr ma rifes il-karreġġjata opposta, u li f'salt wieħed is-sewwieq tal-Qashqai kiser lejn ix-xellug fejn kien hemm l-attur mingħajr ma xegħel l-*indicator,* bil-konsegwenza li laqat lill-attur, kaxkru u tajru, tant li l-attur spiċċa f'siġra fin-naħa l-oħra tat-triq. Ix-xhud qal li mill-mod kif seħħ l-inċident, bilfors li s-sewwieq tal-vettura ma kienx attent, u dan anki billi l-muturi li kienu qegħdin jinstaqu għamlu ċertu ħoss, li wieħed ma setax ma jindunax bihom.

---

[14] *A fol.* 60 tal-proċess.

Dan ix-xhud ikkonferma wkoll li wara li seħħ l-inċident, l-attur ittieħed bl-ambulanza fi sptar f'Modica, u wara hu nġab Malta bil-*catamaran* fejn sab l-ambulanza tistennieh li ħaditu mill-ewwel l-Isptar Mater Dei fejn sarulu eżaminazzjonijiet u ġie operat.

L-attur esebixxa wkoll *affidavit* ta' **Dean Mangion**[15], *general manager* ma' Sun Route Hotels Co. Ltd. li hi l-kumpannija li jaħdem magħha l-attur, u li ppreżenta l-kopji tal-FS3s tal-attur għas-snin 2015, 2016 u 2017, kif ukoll kopji tal-*payslips* tal-attur li nħarġu f'Lulju, Awwissu, Settembru u Ottubru tal-2016.

L-attur esebixxa wkoll kopja tar-rapport mediku mħejji minn **Mr Massimo Abela**[16], fejn ġie kkonstatat li fiż-żmien tal-inċident l-attur kellu 41 sena, u li l-inċident seħħ waqt ġita bil-muturi fi Sqallija. L-espert mediku stabbilixxa li dakinhar stess li seħħ l-inċident, l-attur ittieħed l-Isptar Mater Dei fejn sarulu għadd ta' testijiet. Fi kliem l-espert mediku *ex-parte*,

> *"He was diagnosed with open displaced fractures of the 2-4th metatarsal shafts of the right foot. He was admitted to hospital and underwent surgical debridement of the wounds and intramedullary wiring of the fractures on 11/07/2016. The foot was immobilised in a cast, he was mobilised on elbow crutches and was discharged home on 15/07/2016. He was followed up at the Orthopaedic Outpatients clinic. The intramedullary wires were removed in clinic 6 weeks following the traumatic incident and he discarded the elbow crutches 2 months after that."*

Mr Abela kkonstata li l-attur għadu jsofri minn skumdità f'saqajh speċjalment meta jingaġġa f'attivitajiet partikolari bħal meta jimxi fuq art mhux livellata, u għandu bżonn żraben li joffru *support* sabiex saqajh tkun stabbli. Ix-xhud ikkonferma li l-attur kellu jwaqqaf ċertu attivitajiet sportivi li kien jieħu gost jagħmel qabel l-inċident. Mr Abela kkonstata wkoll li minħabba li l-ferita

---

[15] *A fol.* 61 tal-proċess.
[16] *A fol.* 68 tal-proċess.

kienet waħda miftuħa, hemm riskju ta' aktar infezzjonijiet fis-sieq tal-attur, li jistgħu jwasslu għal aktar uġigħ u nefħa fis-sieq, u kkonkluda li r-rata ta' diżabilità permanenti sofferta mill-attur konsegwenza ta' dan l-inċident hi ta' erbgħa fil-mija (4%).

**<u>Konsiderazzjonijiet legali</u>**

It-talbiet ewlenin li trid tiddeċiedi dwarhom il-Qorti huma dwar ir-responsabbilità o meno tal-assigurat tas-soċjetà konvenuta għall-inċident mertu tal-kawża, u kif ukoll dwar ir-responsabbilità tas-soċjetà konvenuta, u dwar it-talba tal-attur għal-likwidazzjoni tad-danni sofferti mill-attur konsegwenza tal-inċident inkwistjoni.

Minn dak li jirriżulta mill-provi, l-attur kien qiegħed isuq fuq in-naħa ta' barra tal-karreġġjata tal-lemin, kif jidher mir-ritratt anness mar-rapport tal-Pulizija esebit *a fol.* 36 tal-proċess, fi triq li minnha kienu għaddejjin għadd ta' muturi misjuqa minn sħab l-attur stess, u vetturi. Il-vettura involuta f'dan l-inċident, dik tal-għamla Nissan Qashqai bin-numru ta' reġistrazzjoni ER 159 LC kellha l-*indicator* mixgħul b'tali mod li kien jindika li din kienet ser tiġbed lejn il-lemin. Jirriżulta li l-attur ittenta jaqbeż il-vettura min-naħa tax-xellug tagħha, xi ħaġa li kien ra lil sħabu, li kienu qegħdin isuqu fl-istess direzzjoni tiegħu, jagħmlu qablu, iżda għal xi raġuni f'dak il-ħin eżatt is-sewwieq tan-Nissan Qashqai għażel li minflok jiġbed lejn il-lemin kif kien indika li ser jagħmel, dar fuq ix-xellug, proprju għal fuq il-mutur li kien qiegħed jinstaq mill-attur. Jidher li kien hawnhekk li seħħ l-impatt bejn il-vetturi, liema impatt wassal biex l-attur tkaxkar għal distanza u wara ġie mttajjar minn fuq il-mutur tiegħu.

Din il-verżjoni ta' kif seħħ l-inċident hija korroborata kemm minn dak li xehdu l-attur u sħabu, kif ukoll mir-ritratti li jindikaw kif seħħ l-inċident. Il-Qorti m'għandha l-ebda raġuni għalfejn tiskarta din il-verżjoni tal-attur, stante li anki d-daqqa li ġarrbet il-vettura inkwistjoni tindika li l-impatt seħħ fuq in-naħa tax-xellug tagħha, proprju fl-istess naħa li fiha kien qiegħed is-sewwieq tal-vettura (ritratt *a fol.* 9 tal-proċess). Anki l-fatt li l-vettura inkwistjoni hija waħda tat-tip *left-hand drive* bis-sewwieq tagħha proprju fl-istess naħa minn fejn kien għaddej il-mutur tal-attur, jindika li fil-ħin li seħħ l-inċident, is-sewwieq tal-vettura ma kienx qiegħed iżomm il-*proper lookout* rikjest sabiex jassigura li kwalsiasi manuvra li jagħmel fit-triq tkun ħielsa mill-periklu għalih u għal ħaddieħor. Il-fatt li i-sewwieq tal-vettura minflok kiser fuq il-lemin kif kien qiegħed jindika li ser jagħmel, qabad u kiser fuq ix-xellug, fi triq li minnha kienu għaddejjin għadd ta' muturi li kienu għadhom kemm qabżuh ftit mumenti qabel, ifisser biss li s-sewwieq tal-vettura kien negliġenti fis-sewqan tiegħu. F'deċiżjoni mogħtija minn Qorti Ingliża, u li fiċ-ċirkostanzi tal-kawża odjerna jagħmel sens li tiġi ċċitata, hija dik fl-ismijiet **Neuhaus *vs.* Bastion Insurance Co. Ltd.**[17] fejn l-obbligu li jinżamm *'a proper lookout'* ġie mfisser bħala:

> "*Keeping a proper lookout means more than looking straight ahead. It includes awareness of what is happening in one's immediate vicinity. A motorist shall have a view of the whole road, from side to side, and in the case of a road passing through a built-up area, of the pavements on the side of the road as well.*"

Hawnhekk il-Qorti se tiftaħ parentesi żgħira in vista tal-fatt li s-soċjetà konvenuta baqgħet kontumaċi f'dawn il-proċeduri u naqset li tressaq l-

[17] 1968, (1) SA 398 (A) 405H - 406A).

eċċezzjonijiet u l-provi tagħha f'din il-kawża, minkejja li jirriżulta li ġiet debitament notifikata. F'sitwazzjonijiet simili il-Qorti ma tqisx l-istat ta' kontumaċja bħala ammissjoni jew stqarrija da parti tal-konvenut li jonqos milli jressaq l-eċċezzjonijiet tiegħu fil-kawża, anzi jitqies bħala kontestazzjoni, u kien għalhekk li l-Qorti straħet l-aktar fuq il-provi oġġettivi mressqa mill-attur, partikolarment ir-ritratti esebiti mar-rapport tal-Pulizija, li madanakollu jsaħħu l-verżjoni tal-attur għar-rigward tal-mod kif seħħ l-inċident.

Illi kif ġie deċiż minn dawn il-Qrati għadd ta' drabi, il-kontumaċja m'għandhiex titqies bħala stqarrija jew ammissjoni min-naħa tal-imħarrek għal dak li jkun qiegħed jintalab jew jiġi allegat kontrih mill-parti attriċi. Għall-kuntrarju, il-kontumaċja titqies bħala kontestazzjoni u t-tibdil li seħħ fil-liġi proċedurali fl-artikolu 158 bl-Att XXIV tal-1995 jidher li jsaħħaħ din il-fehma. Min-naħa l-oħra l-istitut tal-kontumaċja huwa msejjes fuq il-presuppost li l-konvenut bin-nuqqas tiegħu li jwieġeb għat-talba tal-parti attriċi, ikun wera dispett lejn is-sejħa tal-Qorti biex jidher quddiemha, liema dispett il-liġi tħares lejh bħala għemil li jistħoqqlu sanzjoni – dik li ma jkunx jista' jindaħal fit-tressiq ta' provi – għaliex meqjusa bħala element ta' disordni soċjali.[18]

Hekk stabbilita r-responsabbilità tal-assigurat tas-soċjetà konvenuta għall-inċident mertu tal-kawża, li jkun fadal huwa li jiġi stabbilit il-*quantum* tad-danni li għandhom jitħallsu lill-attur, kemm fir-rigward ta' danni materjali sostnuti minnu (*damnum emergens*), kif ukoll fir-rigward ta' telf ta' qligħ futur minħabba fid-diżabilità permanenti li hu sofra (*lucrum cessans*).

[18] Ara l-kawża fl-ismijiet **Elizabeth Said *vs.* Bank of Valletta p.l.c. et**, P.A.(JRM), 01.12.2015.

Fil-prospett esebit minnu, l-attur jgħid li hu għamel erbgħa u sittin (64) ġurnata ma jmurx għax-xogħol konsegwenza tal-inċident mertu tal-kawża, asserzjoni din li mhijiex korroborata mill-provi dokumentarji esebiti. L-attur lanqas ma jgħid minn dawn l-erbgħa u sittin (64) ġurnata, kemm minnhom kienu bi ħlas, u għalhekk il-Qorti ma tistax tilqa' t-talba tal-attur għall-ħlas ta' €7,888.53 għaż-żmien kollu li fih ma setax imur xogħol. Madanakollu ser issir komputazzjoni ta' kemm tilef flus l-attur fiż-żmien li kien rikoverat, kif jirriżulta mill-kopji tal-*pay slips* u l-FS3s esebiti, b'paragun ta' xahar ma' ieħor u sena ma' oħra. Mill-provi esebiti jirriżulta li l-attur, qabel mar Sqallija, kien ħadem l-aħħar fis-6 ta' Lulju, 2016, u mill-kopji taċ-ċertifikati mediċi esebiti jirriżulta li almenu sas-22 ta' Awwissu 2016 kien għadu ma daħalx għax-xogħol u s-*sick leave* tiegħu kien għadu kopert b'ċertifikat miftuħ li ma kienx jispeċifika meta l-attur kien ser ikun tajjeb għax-xogħol.[19] Mill-kopji tal-FS3s esebiti għas-snin 2015, 2016, 2017[20], jirriżulta li l-attur kellu dħul gross ta' €29,582 fis-sena 2015, €27,561 fis-sena 2016 u €29,764 fis-sena 2017. Mill-kopja tal-kuntratt ta' impjieg esebita *a fol.* 40 tal-proċess jirriżulta wkoll li l-attur kellu salarju ta' €2,420 fix-xahar. Jirriżulta wkoll mill-kopji tal-*pay slips* esebiti *a fol.* 62 sa 64 tal-proċess li fix-xahar ta' Lulju 2016, l-attur irċieva salarju fl-ammont ta' €2,378.09, fix-xahar ta' Awwissu 2016, ix-xahar li fih l-attur ma setax jirrapporta għax-xogħol minħabba l-inċident, huwa kellu dħul ta' €478.47, fix-xahar ta' Settembru 2016 huwa kellu dħul ta' €2,298.79 u f'Ottubru 2016 huwa kellu dħul gross ta' €2,396.46. Dan ifisser li tul ix-xhur ta' Lulju, Settembru u Ottubru l-attur dejjem irċieva s-salarju sħiħ tiegħu[21], u li l-uniku tnaqqis sostanzjali li kellu fil-paga kien fix-xahar ta' Awwissu 2016, fejn minn

[19] Kopji taċ-ċertifikati mediċi *a fol.* 46 *et seq.* tal-proċess.
[20] *A fol.* 43 *et seq.* tal-proċess.
[21] L-ammonti jvarjaw u kienu aġġustati minħabba li parti mis-salarju tal-attur hu marbut ma' *allowances* u *fringe benefits.*

salarju gross ta' €2,420, huwa pperċepixxa dħul gross ta' €478.47. Dan ifisser li l-attur sofra telf ta' dħul gross ta' €1941.53, li minnhom irid isir tnaqqis tat-taxxa bir-rata ta' 15% li jirriżulta li hi r-rata ta' taxxa li jħallas l-attur fuq id-dħul tiegħu[22] u tnaqqis ta' €72.60 bħala l-kontribuzzjoni tas-Sigurtà Soċjali mħallsa mill-attur ta' kull xahar, li jwassal għall-ammont ta' €1,577.70 bħala telf tas-salarju għax-xahar ta' Awwissu 2016.

Il-mutur tal-marka Honda li kien qiegħed isuq l-attur kien stmat li jiswa €1,600 qabel l-inċident u wara l-inċident ġie stabbilit li għandu jkun hemm *cash settlement* da parti ta' min jinstab li hu responsabbli għall-inċident, ta' €1,100 minħabba li tqies li ma kienx vijabbli li dan il-mutur jissewwa.[23]

L-attur esebixxa wkoll kopji ta' irċevuti ta' ħlas marbut ma' visti mediċi li hu għamel, waħda fl-Isptar Saint James, għall-ammont ta' €81[24], u oħra fl-ammont ta' €350, iffirmata minn Mr Massimo Abela.[25] Dan ifisser li t-total ta' spejjeż li għamel l-attur b'rabta ma' visti mediċi jammonta għal €431.

Tħallset ukoll mill-attur is-somma ta' €238.10 lis-soċjetà Global Translation Solutions[26] bħala spejjeż marbuta mat-traduzzjonijiet li kellhom isiru fil-lingwa Taljana.

Dan ifisser li d-danni attwali sofferti mill-attur jammontaw għal tlett elef, tliet mija u sitta u erbgħin Euro u tmenin ċenteżmu (€3,346.80).

[22] Dan jirriżulta minn *fol 65* tal-proċess, minn komputazzjoni ta' kemm hu l-perċentwali ta' taxxa mħallsa fuq id-dħul gross li kellu l-attur f'dik is-sena.
[23] *A fol.* 53 tal-proċess.
[24] *A fol.* 54 tal-proċess.
[25] *A fol.* 72 tal-proċess.
[26] *A fol.* 55 u 56 tal-proċess.

L-artikolu 1045 (1) tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi illi:

> "Il-ħsara li persuna responsabbli għandha twieġeb għaliha, skont id-dispożizzjonijiet ta' qabel, hija t-telf effettiv li l-għamil tagħha jkun ġab direttament lill-parti li tbati l-ħsara, l-ispejjeż li din il-parti setgħet kellha tagħmel minħabba l-ħsara, it-telf tal-paga jew qligħ ieħor attwali, u t-telf ta' qligħ li tbati 'l quddiem minħabba inkapaċità għal dejjem, total jew parzjali, li dak l-għamil seta' jġib."

F'sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fit-18 ta' Frar, 2013, fl-ismijiet **Emmeline Cini *vs.* Antione Cachia**, il-Qorti qalet:

> "Għalhekk il-Qorti għandha l-obbligu li teżamina t-telf ta' qligħ futur minħabba l-inkapaċità, it-telf ta' paga jew qligħ ieħor attwali li jinkorri fih id-danneġġjat; u dak it-telf ta' qligħ futur, ossia *lucrum cessans*, li d-danneġġjat ikun prekluż li jużufruwixxi minnu minħabba l-event sinistru kawża tal-għemil dirett tad-danneġġjant."

Fis-sistema legali tagħna il-kwantifikazzjoni tad-danni hija dejjem fid-diskrezzjoni tal-ġudikant, u għalkemm hi regolata minn ċerti prinċipji, dawn mhumiex assoluti. F'deċiżjoni mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fis-27 ta' April, 2005, fl-ismijiet **Paul Debono *vs.* Malta Drydocks,** ġie stabbilit illi:

> "Id-determinazzjoni tal-kwantum tar-riżarċiment hi ċertament fis-sistema legali tagħna spirata mir-regola stabbilita fl-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili. Fir-rigward tal-*lucrum cessans* dan jinvolvi telf ta' qliegħ futur minħabba l-inkapaċità. Il-liġi imbagħad tħalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti biex, valjati ċ-ċirkostanzi tal-każ, ix-xorta u grad ta' inkapaċità, u l-kondizzjoni tal-parti danneġġjata tistabbilixxi s-somma riżarċitorja. Innegabilment, però, il-metodu ta' din il-valutazzjoni tad-dannu lill-persuna minn dejjem ikkostitwiet il-problema l-aktar spinuża, kif hekk jirriżulta minn sempliċi raffront tad-diversi deċiżjonijiet in materja."

Il-*multiplier* huwa fattur pjuttost diskrezzjonali, għalkemm bħala regola huwa ġeneralment aċċettat li għal persuna fl-età ta' erbgħin (40) sena, li hi l-età li

kellu l-attur fiż-żmien li fih seħħ l-inċident, il-*multiplier* adottat għandu jkun ta' 20, tenut kont li l-attur għad irid jaħdem almenu sal-età ta' ħamsa u sittin sena sabiex jilħaq l-età tal-pensjoni. Fis-sentenza fl-ismijiet **John u Laura konjugi Ransley *vs.* Edward u Lydia konjugi Restall**[27], il-Qorti qalet:

> "Hawnhekk għandna fattur pjuttost diskrezzjonali. Il-metodu ta' likwidazzjoni tad-danni kien għal żmien twil ibbażat fuq il-prinċipji enunċjati fil-kawża **Butler vs Heard** deċiża mill-Qorti tal-Appell Ċivili Superjuri fit-22 ta' Settembru, 1967. F'dik il-kawża intqal li fid-determinazzjoni tal-*multiplier* wieħed irid jieħu in kunsiderazzjoni ċ-*'chances and changes of life'*, b'mod li dan il-*multiplier* ma jwassalx lid-danneġġjat li jieħu kumpens daqs li kieku baqa' jaħdem sad-data li jirtira, iżda l-figura tiġi mnaqqsa biex b'hekk ikun ittieħed kunsiderazzjoni l-fatt li l-persuna danneġġjata setgħet, fil-kors normali tal-ħajja tagħha, ma waslitx qawwija u sħiħa sal-età tal-pensjoni.
>
> …
>
> Hawn għalhekk naraw element diskrezzjonali li qed jingħata lill-ġudikant. Il-liġi ma tridx li l-kumpens ikun biss riżultat ta' eżerċizzju matematiku – għalkemm tali eżerċizzju jkun wieħed siewi u jwassal għal ċerta uniformità fil-likwidazzjoni tad-danni kif effettivament ġara wara s-sentenza ta' **Butler vs Heard**, b'danakollu l-ġudikant għandu jżomm quddiem għajnejh aspett aktar wiesa' tal-problema u fl-ammont li finalment jakkorda bħala danni għat-telf futur – dawk li fil-gergo huma magħrufa bħala *'lucrum cessans'* jipprova jimprimi sens ta' ġustizzja billi mhux biss iħares lejn l-interessi tad-danneġġjat iżda billi wkoll jittieħed in konsiderazzjoni dak li kkawża d-dannu."

Fil-każ odjern, ġie stabbilit mill-espert mediku *ex parte* li eżamina lill-attur, Mr Massimo Abela, li l-grad ta' diżabilità permanenti sofferta mill-attur hi ta' erbgħa fil-mija (4%), u l-Qorti ma tara li hemm l-ebda raġuni valida li għaliha għandha tiddipartixxi minn din ir-rata hekk stabbilita.

---

[27] P.A., 10.05.2005.

Il-Qorti ser tieħu bħala qligħ annwali li kien jipperċepixxi l-attur il-paga bażika tiegħu għas-sena 2015, is-sena ta' qabel dik li fiha seħħ seħħ l-inċident. Mill-kopja tal-FS3 esebita jirriżulta li l-attur kellu dħul gross ta' €29,582 u dħul nett ta' €24,372. Din il-paga netta trid tiġi aġġustata u togħla abbażi tal-għoli tal-ħajja[28] għall-perijodu kollu tal-*multiplier*, sabiex b'hekk is-salarju bażiku li ser tkun qiegħda taħdem fuqu l-Qorti huwa ta' €24,372 + €29,051.42 / 2 = €26,711.71.

L-evoluzzjoni ġuriprudenzjali f'kawżi ta' din ix-xorta wassal għal żvilupp ieħor importanti, dak li jsir tnaqqis ta' 20% minħabba li l-ħlas tal-kumpens qiegħed isir f'darba *(lump sum payment)*. Spiss kien jiġri li f'kawżi li kienu jdumu s-snin biex jinqatgħu, il-Qorti kienet tnaqqas 2% għal kull sena li kawża ddum biex tinqata' f'każijiet fejn ikunu għaddew aktar minn tliet snin bejn id-data meta tiġi pprezentata ċ-ċitazzjoni u s-sentenza. Madanakollu f'dan il-każ il-Qorti ma tarax li hemm lok għal tali tnaqqis. Il-każ seħħ fis-sena 2016 u l-kawża nfetħet aktar kmieni din is-sena stess, u għalhekk m'hemmx lok għal tali tnaqqis.

Is-salarju medju ta' €26,711.71 x *multiplier* ta' 20, x 4% diżabilità permanenti sofferta mill-attur, iwasslu għal ċifra ta' €21,369.37, li meta ridotta b'20% *(lump sum payment),* tiġi **€17,095.49.** Dan huwa l-*lucrum cessans* likwidat mill-Qorti, li meta magħdud mas-somma ta' €3,346.80 rappreżentanti d-*damnum emergens* soffert mill-attur, jiġi stabbilit li l-ammont totali li għandu jitħallas mill-konvenut lill-attur *in linea* ta' danni jammonta għal **€20,442.29**.

[28] F'sentenza mogħtija minn din il-Qorti kif diversament preseduta fid-19.05.2000 fl-ismijiet **Joseph Galea *vs.* Charles Fenech pro et noe,** il-Qorti stabbiliet illi, "Meta d-danni jirrappreżentaw kumpens għal telf futur, il-Qorti trid tieħu in konsiderazzjoni l-effetti li l-inflazzjoni jkollha fuq l-introjtu perċepit fid-data tal-inċident proġettat fuq firxa ta' snin magħżula bħala l-*multiplier*." Bħala rata ta' inflazzjoni annwali qed titieħed ir-rata ta' 0.96%, ir-rata medja tal-inflazzjoni f'dawn l-aħħar 5 snin skont in-National Statistics Office {1.38% (2013) + 0.31% (2014) + 1.10% (2015) + 0.64% (2016) + 1.37 % (2017) = 0.96%}.

L-azzjoni odjerna ġiet intavolata direttament fil-konfront tas-soċjetà konvenuta, l-assiguratriċi tal-vettura li kkaġunat l-inċident mertu tal-kawża, liema soċjetà hija domiċiljata fi Stat Membru tal-Unjoni Ewropea. Dan sar *ai termini* tal-Artikoli 11(1)(b) u 13(2) tar-Regolament (UE) 1215/2015 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru, 2012. L-Artikolu 11(1)(b) tar-Regolament (UE) 1215/2015 jipprovdi li "assiguratur domiċiljat fi Stat Membru jista' jiġi mfittex fi Stat Membru ieħor, fil-każ ta' azzjonijiet miġjuba minn dak li jkollu l-polza tal-assigurazzjoni, dak li jkun assigurat jew xi benefiċjarju, fil-qrati tal-post fejn ir-rikorrent ikun domiċiljat." L-Artikolu 13(2) tar-Regolament (UE) 1215/2015 jgħid illi "l-Artikoli 10, 11 u 12 għandhom japplikaw għall-azzjonijiet miġjuba mill-parti li tkun ġarrbet il-ħsara kontra l-assiguratur, meta tali azzjonijiet diretti jkunu permessi." Fl-ordinament ġuridiku tagħna l-azzjoni diretta tal-vittma kontra l-assiguratur tal-vettura li tkun ikkawżat l-inċident, hija permessa bl-artikolu 9A tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta. In vista tas-suespost, il-Qorti tqis illi l-azzjoni odjerna kif proposta direttament kontra s-soċjetà estera assiguratriċi għandha tiġi milqugħha u li din għandha tinżamm responsabbli għall-ħlas tad-danni kollha sofferti mill-attur b'konsegwenza tal-inċident mertu tal-kawża.

## <u>Decide</u>

**Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

1. **Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-inċident mertu tal-kawża li seħħ fl-10 ta' Lulju 2016 ġewwa Scicli, Sqallija, seħħ unikament tort u ħtija tal-**

**assigurat tas-soċjetà konvenuta sewwieq tal-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni ER 159 LC tal-għamla Nissan Qashqai, f'liema inċident korra l-attur;**

2. **Tiddikjara u tiddeċiedi illi s-soċjetà konvenuta Allianz S.p.A. bħala l-assikuratriċi tal-vettura bin-numru ER 159 LC meta seħħ l-inċident mertu tal-kawża, hija responsabbli għall-ħlas tad-danni kollha sofferti mill-attur b'konsegwenza tal-istess inċident awtomobilistiku;**

3. **Tillikwida d-danni sofferti mill-attur fis-somma ta' għoxrin elf, erba' mija u tnejn u erbgħin Euro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (€20,442.29);**

4. **Konsegwentement tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas lill-attur is-somma hekk likwidata in linea ta' danni.**

**Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-ħlas effettiv, kontra s-soċjetà konvenuta.**

Moqrija.